# Tifkiriet Artistiċi

*minn Tony Terribile*



**Matul** is-snin tas-seklu dsatax fil-gżejjer tagħna nbnew bosta knejjes u twaqqfu bosta parroċċi. Fost dawn insibu l-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu l-Ħamrun.

F'dawn iż-żminijiet fil-gżejjer tagħna kien hawn bosta periti, pitturi, statwarji, skulturi u arġentiera, li kollha f'daqqa ħallew numru kbir ta' xogħlijiet f'dawn il-knejjes u għalhekk ma jistax jonqos li dawn il-postijiet sagri ma jkunux mimlija bix-xogħljiet ta' dawn l-imgħallmin, u l-knisja tal-Ħamrun mhix eċċezzjoni, anzi hawnhekk inżidu ngħidu li dak li bdew il-Ħamruniżi fis-seklu dsatax komplewh il-Ħamruniżi tas-seklu għoxrin u għalhekk nistgħu ngħidu li din il-knisja parrokkjali hi mimlija tifkiriet artistiċi ta' dawn iż-żewġ sekli.

Nibdew mill-bini tal-knisja, opra tal-Perit Ġorġ Schinas. Fiha, ħareġ bi stil oriġinali. Mhux dejjem ingħoġob iżda fih ħafna sabiħ u tajjeb.

Fis-seklu għoxrin, il-Ħamruniżi, misjuqa mill-Kappillan Cordina Perez bnew il-koppla, li fiha żewġ mgħallmin, Andrea Vassallo u Ġużè D'Amato kellhom sehem kbir u importanti biex tawna kapolavur ta' koppla sabiħa u eleganti fil-bini tagħna.

Is-saqaf tal-knisja fih xogħol sabiħ ta' skultura, li s-sbuħija tiegħu ħarġet aktar wara d-dekorazzjoni magħmula minn Emvin Cremona. Nistgħu ngħidu li f'din il-knisja wera l-qawwa tiegħu bħala dekoratur mill-aqwa. Għaraf l-istil tagħha, it-tajjeb ħarġu u għollieh filwaqt li l-partijiet dgħajfa għaraf jirranġahom, u nistgħu ngħidu li dan il-proġett irnexxielu billi fis-saqaf tal-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu, għaraf iħalli kapolavur kbir.

Meta Cremona kien qed iwettaq dan ix-xogħol, issaħħar personalment bis-sett kwadri laterali ta' din il-knisja, wieħed isbaħ mill-ieħor. Hawnhekk għandna varjazzjoni ta' xogħol.

Nibdew minn Ġużeppi Calì, wieħed mill-aqwa pitturi tal-gżejjer tagħna. F'din il-knisja, Calì ħallielna tliet kwadri mill-isbaħ li huma San Ġużepp, tad-Duttrina u tal-Karmnu. L-ewwel wieħed jispikka għax-xogħol li fih.

Meta Calì kien fl-aqwa tiegħu, f'Malta, inġiebu numru ta' artisti Taljani biex jagħmlu xi xogħlijiet. Uħud minnhom kienu artisti tajbin oħrajn kienu









medjokri iżda fost it-tajbin għadhom jissemmew Domenico Bruschi u Pietro Gagliardi.

Dan ta' l-aħħar pitter it-titular ta' San Gejtanu u d-Duluri, filwaqt li Bruschi ħadem il-kwadru ta' Sant'Antnin.

F'dawn iż-żminijiet inħadem il-kwadru ta' Anna Forti li jirrappreżenta lil Santa Apollonia.

Aktar tard Ramiro Calì pitter l-apside, li llum m'għadhiex teżisti filwaqt li Ġużeppi Briffa ħadem żewġ kwadri kbar, li qabel ir-restawr tal-knisja kienu bejn il-pilastri maġġuri u llum jinsabu fuq il-bibien laterali.

Eqdem minn dawn ix-xogħlijiet kollha nsibu żewġ kwadri oħra li huma tal-Madonna taċ-Ċintura u ta' San Benedittu. Dan ta' l-aħħar hu xogħol Sqalli u fl-1960 kien wieħed mill-esebiti fil-wirja ta' l-arti sagra li saret fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji Pawlini.

L-istatwi li jsebbħu din il-knisja jmorru wkoll lura lejn is-seklu dsatax. Fost dawn insemmu lil Carlo u lil Gerolamo Darmanin li tawna ż-żewġ statwi ta' San Gejtanu u ta' San Ġużepp.

Ma' dawn insemmi opri oħra li saru mal-mixja tas-snin bħal m'hu l-apparat tal-festa, xogħol li sar barra minn Malta, il-pulptu, il-battisteru, il-lampier, il-pendenti ta' taħt il-koppla u l-linef.

Dawn l-affarijiet kollha fihom xoghol imprezzabbli, ħafna minnu magħmul bl-idejn. Dawn il-ħwejjeġ jiġbdu l-attenzjoni ta' l-għajnejn li jħobbu l-arti u għalhekk hu xieraq li f'dawn il-jiem festivi, il-Ħamruniżi jagħtuhom titwila u japprezzawhom aktar għaliex dawn kollha huma wirt l-antenati tagħhom u li għamluhom biex jagħtu glorja 'l Alla u l-maħturin Tiegħu.


DALLAS

GIFT SHOP

A'PARI ENTERPRISES LTD.

**Importers of Chandeliers, Furniture, Ceramics**

Qormi Road, Ħamrun ĦMR11.
Tel: (+356) 2123 1133 • Fax: (+356) 2123 9182
Mobile: (+356) 9949 4794, 9944 0887